MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1709/2000/1

**Robert Micallef**

**vs**

**Janice Dunn**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Awissu 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, l-attur u l-konvenuta kkontrattaw iz-zwieg taghhom fid-9 ta' Marzu 1999, fil-forma civili;

Illi, il-kunsens tal-konvenuta kien vizjat kif provdut fid-disposizzjonijiet ta' l-**Artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi, ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta’ Marzu 1999 huwa null u minghajr effett fil-ligi;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Marzu 1999 kif fuq jinghad huwa null u minghajr effet fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda minnu prezentati fol. 3 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Janice Dunn, datata 15 ta’ Marzu 2001, a fol 9, fejn ecepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma ndondati *stante* illi ghalkemm iz-zwieg huwa null, dan mhux minhabba tortijiet mputabbli lill-konvenuta kif dedott fic-citazzjoni izda minhabba tortijiet mputabbli lill-attur, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol 9 u fol 10 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Frar 2001, fejn Dr. John Vassallo ghall-attur ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Gunju 2001, fejn giet nominata Dr. Ramona Frendo biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta’ April 2002, fejn il-Qorti ordnat din il-kawza biex tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D ghat-23 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu tat-30 jum u ordnat lil Perit Legali biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuta mhux aktar tard minn Novembru 2002 u wara l-istess seduti l-Perit Legali giet awtorizzata li tirrelata.

Rat il-verbal datat 4 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti ordnat li ssir l-ahhar seduta ghall-provi kollha tal-konvenuta sa l-ahhar ta' Frar 2003.

Rat in-nota ta' Janice Dunn datata 20 ta' Frar 2003 li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' Janice Gowrie, omm il-konvenuta.

Rat il-verbal datat 20 ta' Marzu 2003, Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali nfurmat lil Qorti li ritornat il-process u kienet ser tipprezenta r-rapport fl-istess gurnata.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo minn fol 23 sa fol 93 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta Janice Dunn, datata 29 ta' Novembru 2002, a fol 94, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat in-nota tal-konvenuta Janice Dunn, datata 13 ta' Jannar 2003, a fol 105, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' Tamsin Crookshank.

Rat il-verbal datat 21 ta' Mejju 2003, fejn Dr. Ramona Frendo halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Ramona Frendo, datat 20 ta' Marzu 2003, minn fol 116 sa fol 196.

Rat il-verbal datat 17 ta' Gunju 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fic-Citazzjoni, fuq l-**artikoli 19(1) (c) (d)** u **(f)** tal-**Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

### (a) Artikolu 19 (1) (c).

Illi dan l-artikolu jiddikjara illi zwieg ghandu jigi dikjarat null jekk ikun hemm qerq fuq "*xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga*". Ghalhekk sabiex iwassal ghan-nullita` taz-zwieg, il-qerq irid ikun jirrigwarda "*dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg*". Ara s-sentenza **"John Borg vs Paula sive Pauline Borg"** deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Mejju 1995 (Cit. Nru. 591/94/VDG). Ara wkoll is-sentenza **"Michael Farrugia vs Liliana Farrugia"** deciza minn din l-istess Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Gunju 2002 (Cit. Nru. 904/98/RCP). Huwa essenzjali illi l-qerq ikun serju bizzejjed illi jfixkel serjament il-hajja mizzewwga, ara s-sentenza **"Louis Agius vs Georgina Agius"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988, u s-sentenza **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 12554/98/RCP) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Frar 2001. Kif jinghad mill-gurista **T.J. Green**: -

"*The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the consortium vitae. A given person finds himself in a situation in which the consortium is impossible since his spouse is significantly different from the preson he thought he was marrying*" (**The Revision of Marriage Law** (1976) a fol 392).

### (b) Artikolu 19 (1) (d).

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** tal-**Kapitolu 255** jiddikjara illi zwieg ikun null jekk: -

"*il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi jidher car mill-kumpless tal-provi illi l-attur mhux qed jallega illi l-konvenuta kienet issoffri minn xi anomalija psikologika, izda qed jallega biss difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-awturi jikkondividu illi l-kuncett ta' "*diskrezzjoni ta' gudizzju*" jikkomprendi zewg elementi u cioe` l-maturita` ta' l-intellett u l-maturita` tal-volonta`, u jirrikjedi l-maturita` intellettwali da parti ta' l-individwu illi jaghti l-kunsens ghaz-zwieg u li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-Qrati taghna dejjem irritenew, anke' skond it-taghlim ta' l-awturi bhal perezempju ***F. Bersini*** fil-ktieb **"Il Diritto Cananico Matrimoniale" (1994)** a fol. 97 illi dan jirrikjedi: -

(a) element ta' *conceptual knowledge* u cioe` illi l-individwu jkollu kuncett baziku tan-natura u l-oggett taz-zwieg, ta' l-ghanijiet essenzjali tieghu u d-drittijiet u l-obbligi minnu naxxenti; u

(b) element ta' *evaluative knowledge* u cioe` illi, fil-mument tal-kunsens, l-individwu jkun japprezza sostanzjalment x'jikkomporta z-zwieg, bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tieghu.

*Inoltre,* gie ritenut fil-gurisprudenza nostrali li:-

*"Id-difett irid ikun serju u mhux difett legger illi ma jiddeterminax u ma jeffetwax il-kunsens".* Ara s-sentenza **"Simon Farrugia vs Gladys Farrugia"** deciza minn dina l-Onorabbli Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 1999.

*Inoltre*, gie ritenut illi: -

"*Hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga meta jigi pprovat li wiehed mill-kontraenti kellu nuqqas ta' maturita` intellettwali u volittiva li huma necessarji sabiex jaghraf, in vista li dan ikun ser jintrabat b'mod irrevokabbli, id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, ossia r-reza u l-accettazzjoni reciproka. Id-diskrezzjoni tal-gudizzju tirreferi ghal dak il-grad ta' maturita`, ta' komprensjoni u ta' rieda tal-kontraenti li tippermettilhom li jaghtu u jirceivu lil xulxin, permezz ta' rabta guridika, f'komunjoni unika ta' hajja u mhabba. Din il-komunjoni hija indissolubilment fidila, ordinata ghall-gid tal-mizzewgin, kif ukoll ghall-prokreazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal*". Ara s-sentenzi **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (Cit. Nru. 2458/97/RCP) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fl-1 ta' Frar 2001 u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 1254/98/RCP) ukoll deciza minn din il-Qorti kif preseduta fis-27 ta' Frar 2001.

Illi f'dan il-kaz, jirrizulta certament mill-provi prodotti, illi l-partijiet kellhom ftit li xejn preparazzjoni ghaz-zwieg ta' bejniethom, tant illi jidher illi immedjatament wara z-zwieg, ir-relazzjoni bejn il-partijiet tbiddlet u ppeggorat. Izda dan minnu nnifsu ma jwassalx ghall-konkluzjoni ta' nullita` taz-zwieg abbazi tas-**subinciz (d)** ta' l-**Artikolu 19** tal-**Kapitolu 255** tal-**Ligijiet ta' Malta.** Il-Qorti taghmel umili referenza ghall-principju enuncjat minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Lorraine Zammit vs Gordon Zammit** (Cit. Nru 1082/2001/RCP) deciza fis-27 ta' Gunju 2002: -

"*Biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjoni li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali;*

*Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita` ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar 'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg'. Il-Qorti tosserva li*

*l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihoml;*

*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju;*

*Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju;*

*Ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikum hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikoloogika fis-sens mediku jew psikjatriku) jew kostituzzjoni li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali*".

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (Cit. Nru 1564/97/RCP) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-21 ta' Ottubru 1999 u s-sentenza **"Kevin Spiteri vs Dr. Renzo Porsella Flores"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP) ukoll deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fit-18 ta' Jannar 2000.

**(c) <u>Artikolu 19 (1) (f).</u>**

Illi l-**artikolu 19(1) (f)** tal-**Kapitolu 255** tal-**Ligijiet ta' Malta** jiddikjara illi zwieg ikun null jekk: -

"*il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi jidher illi f'dan il-kaz, l-attur qed jallega illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tieghu, u li ghalhekk hija ssimulat il-kunsens taghha ghaz-zwieg *de quo*, u dan minhabba l-fatt illi allegatament, il-konvenuta zzewget biss biex tkun tista' tibqa' tghix hawn Malta – fatt illi huwa negat mill-konvenuta, izda illi jirrizulta bhala l-aktar tezi probabbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ampjament diskuss fil-konsiderazzjoni ta' Fatt (*supra*).

Illi ghalkemm il-Ligi taghna ma tiddefinixxix x'jikkostitwixxi l-elementi essenzjali taz-zwieg, il-Qrati taghna rritenew illi dawn il-kwalitajiet essenzjali jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja mizzewwga, l-indissolubilita`, il-fedelta` u l-prokreazzjoni tat-tfal, kif inghad fis-sentenza **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 1254/98/RCP) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Frar 2001:

"*L-elementi essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fl-obbligazzjoni rigwardanti l-att konjugali jew unjoni karnali, bhala unjoni fizika u bazi ghall-prokreazzjoni; l-obbligazzjoni tal-komunjoni tal-hajja u mhabba bhala espressjoni ta' l-unjoni bejn ir-ragel u l-mara, gid reciproku, li huwa inseparabbli mill-kreazzjoni ta' ambjent siewi ghar-ricezzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal; u l-obbligazzjoni li tircievi u trabbi tfal fil-kuntest ta' komunita` konjugali. Huwa importanti li wiehed jiftakar li dawn l-obbligi essenzjali jridu jkunu reciproci, permanenti, kontinwi, esklussivi u irrevokabbli…*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"Lorraine Zammit vs Gordon Zammit"** (Cit. Nru. 1082/01/RCP) ukoll deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-27 ta' Gunju 2002.

Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Haidon vs Haidon"** deciza minn dina l-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Lulju 1994 fejn inghad: -

"*ma ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg, wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita` tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'*". [Enfasi Mizjud]

Illi '*noltre*, fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza minn dina l-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Mejju 1993, gie deciz illi "*element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-Ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom*". Dan huwa fattur ta' rilevanza assoluta fil-kaz odjern.

Illi l-Qrati taghna rritenew fis-sentenza bl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christoper Cilia et noe"** deciza minn dina l-Qorti diversament *pre* Onor. N. Arrigo fl-11 ta' Ottubru 1999, illi: -

*"l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi bl-ismijiet **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (Cit. Nru. 1254/98/RCP) deciza fis-27 ta' Frar 2001; **"Lorraine Zammit vs Gordon Zammit"** (Cit. Nru. 1082/01/RCP) deciza fis-27 ta' Gunju 2002 u s-sentenza fl-ismijiet **"Josette Lungaro vs Jesmond Lungaro"** (Cit. Nru. 2458/97/RCP) deciza fl-1 ta' Frar 2001.

Illi kif inghad ukoll fil-kawza **"Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu tista' tkun implicita. F'dak il-kaz, dina l-

Qorti diversament preseduta kkwotat favorevolment lil ***Castano*** li ddefinixxa l-eskluzjoni posittiva bhala "*un atto posittivo di volonta`*", izda mbaghad kompla jelucida: -

"*Pero` l'atto posittivo della volonta` non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente… puo` essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo da comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto".*

Illi tal-istess portata hi s-sentenza fl-ismijiet **"Simon Farrugia vs Gladys Farrugia"** (Cit. Nru. 786/95/NA) deciza fil-25 ta' Jannar 1999.

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI BHALA FATT.**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet iltaqghu gewwa *nightclub* f'Gunju (skond l-attur ara x-xhieda tieghu *inter alia* fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001) jew Lulju 1998 (skond il-konvenuta – ara x-xhieda taghha fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2001), meta l-konvenuta kienet ghal vaganza qasira Malta. Jidher illi f'dak l-istadju, il-partijiet qattghu madwar tlett (3) ijiem flimkien; l-attur xehed fis-seduta ta' Ottubru 2001 illi huwa ltaqa mal-konvenuta fil-bidu tal-vaganza taghha ta' hmistax-il (15) gurnata, u illi huma qattghu l-ahhar erbat (4) ijiem tal-btala taghha jiltaqghu kuljum, mentri l-konvenuta, fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002, xehdet illi l-vaganza taghha kienet biss ta' gimgha u li matulha ltaqghet mal-attur xi tlitt darbiet. Meta l-konvenuta, li hija Skocciza, telghet lura l-Iskozja, il-partijiet baqghu jikkorrispondu bit-telefon u bl-ittri regolarment.

Illi xi ftit tal-gimghat wara din l-ewwel laqgha taghhom, il-konvenuta regghet giet Malta f'Awissu ta' l-1998 stess, ghal btala ta' gimgha, fejn hija kienet tghix fid-dar tal-genituri tal-attur (*vide* x-xhieda tal-attur tal-25 ta' Ottubru 2001 u tal-konvenuta fil-15 ta' Novembru 2002). Sa minn dan iz-zmien, jigifieri meta l-partijiet, b'kollox kienu ghadhom jafu lil xulxin mhux aktar minn ghaxart (10) ijiem, jidher illi huma kienu diga` qed jiddiskutu l-possibilita` illi l-

konvenuta tigi tghix Malta, fix-xhieda taghha tal-15 ta' Novembru 2002 tghid illi fiz-zmien illi l-partijiet tgharrsu u cioe' f'Settembru 2001, kienu ddiskutew diga' l-possibilita' li l-konvenuta tigi tghix Malta (ara wkoll ix-xhieda tal-attur moghtija fil-25 ta' Ottubru 2001).

Illi mbaghad, f'Settembru, l-attur kien tela' l-Iskozja huwa stess, ghal btala ta' gimgha skond ix-xhieda tal-konvenuta moghtija kemm permezz tal-affidavit u wkoll fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002 u ta' gimghatejn skond ix-xhieda tal-attur moghtija fil-25 ta' Ottubru 2001. Matul dina l-vaganza, skond ix-xhieda tal-konvenuta permezz tal-affidavit u *viva voce* fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002, u dik ta' Janice Gowrie, omm il-konvenuta, moghtija permezz tal-affidavit, il-partijiet tgharrsu. Il-Qorti tirrileva illi f'dan iz-zmien, il-partijiet kienu ltaqghu b'kollox mhux aktar minn tlett (3) gimghat.

Illi wara l-konvenuta giet tghix Malta, ghalkemm mhux car meta sehh. Skond ix-xhieda tal-konvenuta fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002 dan gara f'Ottubru 1998, filwaqt li skond ix-xhieda tal-attur fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001 dan sehh f'Jannar 1999. Pero`, zewg punti huma ferm sinifikanti fl-opinjoni ta' din il-Qorti. L-ewwel nett, illi, wara biss perijodu ta' tlett (3) gimghat jafu lil xulxin *di persona*, il-konvenuta telqet minn pajjizha biex giet tghix Malta; u t-tieni nett, illi hemm qbil illi matul dan iz-zmien, qabel iz-zwieg taghhom, il-partijiet kienu qed jikkoabitaw gewwa flat illi huma krew f'Marsaskala, kif jirrizulta mix-xhieda tal-attur fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001 u x-xhieda tal-konvenuta fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002.

Illi jirrizulta wkoll inkontestat mill-provi illi sa mill-bidu tal-konoxxenza u r-relazzjoni taghhom, il-partijiet kienu qed jaghmlu minn kollox sabiex il-konvenuta ssib xoghol Malta, pero` kienu qed isibu diffikultajiet kbar minhabba l-fatt illi l-konvenuta kienet barranija u ma kellhiex *working permit*, dan jidher car mix-xhieda tal-partijiet moghtija fis-seduti quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo tal-25 ta' Ottubru 2001, 27 ta' Gunju 2002, 18 ta' Settembru 2002 u tal-15 ta' Novembru 2002, u wkoll dik ta' Mary Rose MacDougall moghtija fis-seduta tat-3 ta' Settembru

2002. Jidher ghalhekk ppruvat illi kien minhabba dan il-fatt illi l-partijiet iddecidew illi jizzewwgu. Fil-fatt l-attur xehed li: -

“*Fil-bidu li jiena sirt naf lil Janice, qatt ma sar diskors dwar zwieg bejnietna. Kien biss meta qamet il-kwistjoni li Janice riedet tigi tghix Malta, li tkellimna dwar iz-zwieg u dan kien wara li kkonsidrajna l-possibilita` li Janice ggib permess tax-xoghol hawn Malta izda sibna diffikulta`.”*

Illi wkoll, fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2002, ghal domandi li sarulu in kontro-ezami l-istess attur qal: -

“*Mistoqsi ghall-liema raguni ma kien hemm hadd mistieden meta jiena u Janice izzewwigna, nghid illi dan kien zwieg mghaggel peress illi Janice ma kinitx tahdem u riedet il-working permit sabiex tkun tista’ tghix hawn. Ahna konna morna f’Jannar ir-Registru Pubbliku ghat-tnidijiet u huma kienu tawna l-gurnata meta setghet issir ic-ceremonja, li jidhirli kienet xi d-9 ta’ Marzu 1999. Jien lil Janice kont sirt nafha l-ewwel darba xi Gunju 1998”.*

Mistoqsija: *Ma deherlekx illi li tizzewweg wara sitt xhur li tkun taf lill-persuna, kien mghaggel?*

Twegiba: *“Iva; jiena ma*
*permit, ahna fhimna li s-soluzzjoni kienet li nizzewwgu biex Janice tkun tista’ tibqa’ Malta liberament”.*

Mistoqsija: *“Xi hadd ikkostringiek li tizzewweg?”*

Twegiba: *“Iva; Janice ghaliex hi riedet tahdem hawn Malta”.*

Mistoqsija: *“Janice qaltlek diskors fis-sens: “jew nizzewgu, jew ha nitilqek?”*

Twegiba: *“Le; diskors bhal dan qatt ma ntqal imma Janice kienet tghid li trid tizzewweg biex tkun tista’ tahdem hawn Malta*”.

Illi l-Qorti f'dan il-punt tirrileva illi d-decizjoni taz-zwieg ittiehdet mhux aktar tard minn Jannar 1999, jigifieri biss sitt (6) xhur wara li l-partijiet kienu ltaqghu, u meta huma kienu effettivament flimkien fizikament ghall-perijodu illi ma setax kien jeccedi t-tliet (3) xhur, dan dejjem skond jekk wiehed jistriehx fuq ix-xhieda tal-attur illi l-konvenuta li hi giet tghix Malta f'Ottubru 1998, kif ga indikat qabel. Huwa minnu illi l-konvenuta, skond ma xhedet fl-affidavit taghha qed tallega illi d-decizjoni taz-zwieg ittiehdet f'Marzu 1999, pero` meta wiehed iqis illi l-partijiet effettivament izzewgu fid-9 ta' Marzu 1999 u legalment kien jehtieg illi jigu ppubblikati t-tnidijiet qabel din id-data, bil-fors illi d-decizjoni kienet ittiehdet sahansitra f'Dicembru 1998.

Illi l-konvenuta tikkonferma fix-xhieda taghha tal-15 ta' Novembru 2002, illi hija kellha diffikultajiet sabiex issib impieg Malta, pero` donnha trid taghti l-impressjoni illi mhux minnu illi l-partijiet izzewwgu unikament biex hija tkun tista' tahdem Malta. Effettivament, fl-affidavit taghha hija tghid: -

*"Then in March 1999 we decided to get married in the registrar office, after a lot of discussions, this was an important choice that had to be made by both of us. We also knew that it would make it a lot easier for us if I was able to work as two salaries are better than one and Robert at the time was not earning a great salary as he was working for his father. We would be able to save up and buy a house and get married by the church [sic] too if we had more money and that was our intention. We did not let anyone know that we got married in the registrar [sic] as we thought this was not the correct way to do it but it was the easiest way for us. We never had a celebration or anything just a quiet meal in a restaurant with his sister and his friend. I told my mum and nana [sic] and my best friend about the marriage in the registrar [sic], but told them there was no need for them to come as I would want them to be present at the church wedding, and I didn't think it was fair to ask them to pay the flights and accommodation which they would have had to if they come over now. Robert's mother and father were not*

*there either, the only family that was there was Robert's sister as my witness and Robert's best friend Josie Puliz [sic] as his witness. As I have said, our intentions where to save up and have the proper wedding in church and have a reception where I could then invite my family over.*"

Illi minn dan jirrizulta illi, anke' bl-ammissjoni tal-konvenuta stess, iz-zwieg fil-forma civili kien essenzjali sabiex hija tkun tista' tibda tahdem hawn Malta. Ovvjament, skond il-konvenuta, dan kien biex il-partijiet ikunu jistghu jizzewgu bir-rit religjuz u jibnu familja flimkien. Pero`, effettivament, il-Qorti ghandha dubbju kemm verament qatt kien gie ppjanat zwieg bir-rit religjuz. Il-konvenuta rabtet fix-xhieda taghha l-preparamenti tat-tieg ta' oht l-attur, Mary Rose MacDougall, pero` ghalkemm dina x-xhud xehdet u sarilha l-kontro-ezami fil-kors tas-seduta tat-3 ta' Settembru 2002, dan il-punt ma tqajjimx mill-konvenuta fil-kors tax-xhieda ta' l-imsemmija MacDougall. Anke' l-konvenut, meta gie mistoqsi in kontro-ezami fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2002, cahad illi z-zwieg bir-rit Kattoliku qatt gie konsiderat qabel iz-zwieg civili bejn il-partijiet, anzi qal illi meta qamet il-kwistjoni wara z-zwieg (civili), huwa beza' ghaliex kien ra tibdil fl-attitudini tal-konvenuta.

Illi *'noltre*, l-allegazzjoni tal-konvenuta illi huma riedu jizzewgu bir-rit civili biss sabiex ikunu jistghu jgemmghu aktar flus ghal zwieg kbir bir-rit Kattoliku, hija, fl-umili fehma ta' l-esponenti kontradetta wkoll mill-fatti illi jirrizultaw inkontestati rigward l-infiq ta' l-istess konvenuta matul iz-zwieg. Effettivament, l-attur ilmenta tul ix-xhieda kollha tieghu mill-infiq esorbitanti tal-konvenuta. U l-konvenuta xehdet illi, meta f'Settembru 1999, jigifieri xi sitt (6) xhur wara z-zwieg, hija rnexxielha ssib impieg, hija kienet tonfoq il-flus fuq il-kontijiet tad-dar, hwejjeg ghaliha u ghal zewgha u affarijiet ta' lussu ghal familja ta' l-attur (ara x-xhieda taghha kemm permezz tal-affidavit u kif ukoll *viva voce* fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2002).

Illi m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenuta kienet b'xi mod qed iggemma' sabiex il-partijiet ikunu jistghu jaghmlu cerimonja tat-tieg kbira, jew jibnu futur u familja flimkien.

*Inoltre*, huwa inkontestat ukoll il-fatt illi meta l-partijiet isseparaw kien hemm dejn *in linea* ta’ *overdraft* mal-Bank ta’ diversi mijiet ta’ Liri (ara x-xhieda taghha kemm permezz tal-affidavit u kif ukoll *viva voce* fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2002) – fatt illi wkoll jindika illi ma kienx hemm xi tifdil ghall-futur kif tallega l-konvenuta.

Illi l-attur u l-familjari tieghu jallegaw illi l-konvenuta riedet tizzewweg biex tibqa’ Malta ghaliex kienet thoss illi ghaliha ma kienx hemm futur gewwa l-Iskozja, dan jidher car fix-xhieda tal-attur *passim,* dik ta’ John Micallef fis-7 ta’ Jannar 2002 u dik ta’ Mary Rose MacDougall tat-3 ta’ Settembru 2002. Il-konvenuta, permezz tal-affidavit taghha u wkoll permezz tax-xhieda taghha tal-15 ta’ Novembru 2002 tichad dan u tghid illi gewwa l-Iskozja hija kellha impieg tajjeb, flat u karozza. Il-Qorti l-ewwel nett tirrileva illi paga ta’ hdax-il elf Lira Sterlina (ara x-xhieda tal-konvenuta tal-15 ta’ Novembru 2002) gewwa l-Iskozja mhix paga gholja. *Inoltre*, il-mod kif il-konvenuta, minghajr l-icken hsieb, telqet kull ma kellha gewwa l-Iskozja biex giet tghix Malta ma’ ragel illi kienet iltaqghet mieghu wicc imb’wicc mhux aktar minn tlett (3) gimghat b’kollox, huwa indikazzjoni cara ta’ kemm effettivament, il-konvenuta ma kellhiex rabta ma’ pajjizha, u jikkorrobora l-allegazzjoni attrici illi l-konvenuta riedet titlaq mill-Iskozja biex tigi tghix Malta permanentement.

Illi anke’ l-argumentazzjoni tal-konvenuta illi hi hawn Malta qieghda wahedha mentri l-Iskozja ghandha kollox, u ghalhekk certament illi ma riditx tizzewweg biex tghix Malta, hija kontradetta mill-fatti u c-cirkostanzi ta’ hajjitha. Effettivament, ghalkemm il-partijiet isseparaw biss sena wara z-zwieg taghhom, fil-bidu tas-sena 2000, jirrizulta illi l-konvenuta baqghet tghix Malta, fl-istess impieg illi kienet sabet matul iz-zwieg, kif jirrizulta anke’ mix-xhieda ta’ Tamsin Crookshank moghtija bil-procedura tal-affidavit. Il-konvenuta bniet relazzjoni ohra tant illi ghandha tarbija mill-istess sieheb prezenti taghha hawn Malta, dan jidher kemm fix-xhieda tal-konvenuta tas-16 ta’ Dicembru 2002 u kif ukoll fix-xhieda ta’ ommha Janice Gowrie tal-20 ta’ Frar 2003.

Illi fil-kors tal-proceduri, il-konvenuta u x-xiehda minnha prodotti ghamlu allegazzjonijiet ta’ vjolenza fil-konfront ta’ l-attur, liema allegazzjonijiet gew kontradetti mill-istess attur. Pero` f’mohh il-Qorti, il-veracita` *o meno* ta’ tali allegazzjonijiet hija rizolta minn fattur wiehed illi dwaru xehdet l-istess konvenuta. Il-konvenuta tallega illi kien hemm madwar hames (5) jew sitt (6) istanzi ta’ vjolenza, u fil-kors tax-xhieda minnha moghtija *viva voce* fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2002, tghid illi ma tiftakarx id-data meta l-ewwel darba bdiet il-vjolenza, izda tiftakar kjaramanet l-ewwel okkazjoni ta’ vjolenza, illi, skond hi, kienet wara argument illi l-partijiet kellhom gewwa San Giljan. Pero`, meta xehdet permezz tal-procedura ta’ l-affidavit, il-konvenuta ddeskriviet dan l-istess incident f’dettall u xehdet illi kienet taf illi l-attur ser ikun vjolenti fil-konfront taghha, ghax gharfet is-sinjali minn incidenti precedenti. Mela dwar dan l-incident, il-konvenuta kkontradixxiet lilha nnifisha ghaliex f’nifs wiehed tghid illi dan kien l-ewwel incident ta’ vjolenza, u sussegwentement tghid illi gharfet is-sinjali ta’ xenata minn incidenti precedenti.

Illi izda aktar minn hekk, il-Qorti ma thosshiex konvinta mill-allegazzjonijiet tal-konvenuta dwar vjolenza fir-relazzjoni da parti ta’ zewgha, minhabba l-fatt illi hija xehdet (ara x-xhieda tal-konvenuta moghtija minnha bil-procedura tal-affidavit), u dwar dan hija korroborata mix-xhieda tal-genituri ta’ l-attur (ara x-xhieda ta’ John Micallef moghtija fis-7 ta’ Jannar 2002 u ta’ Mary Micallef moghtija fit-12 ta’ Gunju 2002), illi meta kien ikollhom argumenti bejniethom, hija kienet iccempel lill-genituri ta’ l-attur biex tugzah. Dan kienet taghmlu anke’ f’nofs ta’ lejl, u gieli l-genituri ta’ l-attur nizlu ghandhom anke’ bil-pigama. Pero`, l-konvenuta tallega illi kienet tishti tghidilhom illi l-attur kien qed isawwatha. Dan ma tantx huwa verosimili ghaliex fl-umili fehma tal-Qorti jekk mara tkun cemplet lin-nies zewgha f’nofs ta’ lejl u qalghethom minn gewwa darhom ghaliex kellha glieda ma’ zewgha, kieku verament kien isawwatha, kienet tghidilhom, sabiex tiggustifika l-agir taghha.

Illi wkoll l-allegazzjoni tal-konvenuta dwar vjolenza da parti ta’ l-attur tirrelata ghall-perijodu wara Settembru 1999 (ara x-xhieda tal-konvenuta permezz tal-affidavit) u ghalhekk sitt (6) xhur wara z-zwieg bejn il-partijiet. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma thossx illi dan kien fattur illi verament effettwa l-kapacita` jew il-kunsens tal-partijiet u kwindi l-validita` taz-zwieg *de quo*.

Illi kwistjoni ohra ta’ fatt illi rrizultat fil-kors tal-proceduri kienet dik ta’ l-abort illi kienet ghamlet il-konvenuta qabel ma hija ltaqghet ma’ l-attur. Il-konvenuta tallega illi dwar dan il-fatt kienet tkellmet ma’ l-attur qabel iz-zwieg wara illi l-attur allegatament kien fittxilha fil-portmoni u sabilha xi karta li titkellem dwar dan l-abort. B’danakollu, f’dan il-fatt, mhix korroborata. Mill-banda l-ohra, l-attur, korroborat minn ohtu Mary Rose MacDougall u zewgha Graham MacDougall (ara t-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta’ Settembru 2002), u minn missieru John Micallef (li xehed fis-7 ta’ Jannar 2002), jallega illi huwa sar jaf dwar l-abort biss wara z-zwieg (ara x-xhieda tieghu fit-2 ta’ Novembru 2001, u wkoll in kontro-ezami fis-27 ta’ Gunju 2002 u t-18 ta’ Settembru 2002). Jidher illi dina l-kwistjoni hawdet lill-attur li baqa’ jewden dwarha, tant illi kien isemmiha f’kull argument illi kien jinqala’ bejn il-partijiet, specjalment lejn l-ahhar tar-relazzjoni ta’ bejniethom (ara l-affidavit tal-konvenuta). Fil-fatt l-attur xehed fit-2 ta’ Novembru 2002 illi:

*“Jiena meta sirt naf b’dan kont mahsud hafna”;* u wkoll *“Jiena kont bqajt nehwden dwar dan u anke’ jekk kont nara loghba football fuq it-televizjoni kien jigini f’rasi”.*

Illi missier l-attur xehed fis-7 ta’ Jannar 2002 illi:

*“wara li Robert kien izzewweg darba gie jkellimini u qalli li Janice kienet ghamlet abortion. Qalli li kien sar jaf ftit qabel, jigifieri wara li zzewweg. Kien sorpiz u mdejjaq dwar dan”.*

Illi fl-ahhar nett, jirrizulta wkoll illi matul iz-zwieg bejn il-partijiet, proprju fil-bidu taz-zwieg, il-konvenuta kienet harget tqila izda korriet xi ftit wara. Huwa sinifikanti illi la l-

attur u lanqas hadd mill-familjari tieghu ma xehdu dwar dan il-fatt in ezami. Il-konvenuta mill-banda l-ohra xehdet dwar dan fid-dettall, kif anke' korroborata minn ommha Janice Gowrie fl-affidavit taghha. Il-Qorti tikkonkludi mill-provi prodotti illi t-tqala' in kwistjoni kienet fortuita u mhix ippjanata, u f'mohh l-attur talanqas, ma kellha l-ebda relevanza fiz-zwieg. Dan il-fatt jikkonferma kemm ma kienx hemm komunjoni tal-hajja bejn il-partijiet.

**(III) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL FATTI TAL-KAZ.**

Illi issa f'dan il-kaz, kif diga` nghad, certament illi d-decizjoni tal-partijiet illi jidhlu ghaz-zwieg kienet wahda affrettata u mehuda ghall-kunsiderazzjonijiet estranei li ghandhom jesorbitaw ghal kollox mid-decizjoni sabiex wiehed jintrabat irrevokabilment u indissolubilment fil-komunjoni ta' hajja mizzewga. B'danakollu, ma jirrizultax f'xi wiehed mill-partijiet illi kien hemm xi inkapacita` psikika, kif rikjesta mill-Ligi u mill-gurisprudenza nostrana, illi twassal ghal nuqqas ta' maturita` affettiva, jew tal-fakoltajiet kritiko-estimativi jew kritiko-valutativi tal-partijiet, u kwindi ghan-nullita` taz-zwieg *de quo*.

Illi effettivament, jidher illi z-zewg partijiet kienu persuni ta' intelligenza u maturita` medja, u ghalkemm jirrizulta kjarament illi huma ma hasbux dwar dak illi kien jikkomporta z-zwieg dan ma kienx minhabba xi nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju, izda sempliciment minhabba kunsiderazzjonijiet ohra, u cioe` ghaliex l-attur kien moghmi minn infatwazzjoni ghall-konvenuta illi, min-naha taghha, riedet illi tigi tghix Malta permanentement, u kkuntrattat, effettivament, zwieg ta' konvenjenza.

Illi l-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi f'dan il-kaz ma jirrizultax illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li kienu jaghmluha impossibli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c)** din il-Qorti thoss li ghandha taqbel mal-brava Perit Legali Dr. Ramona Frendo u jigi

ddikjarat li ma hemmx bazi ta' annulament taht dan is-subartikolu u dan peress li ma jirrizultax li l-attur ma kienx jaf bit-tqala tal-konvenuta qabel iz-zwieg, anzi jirrizulta l-kuntrarju. Dwar il-kwsitjoni ta' abort il-Qorti tirreferi ghall-istess konkluzzjonijiet tal-perit legali u taddotahom, b'dan ghalhekk li taht dan il-kap ma hemmx kaz ta' annulament taz-zwieg.

Illi pero' min-naha l-ohra fil-kuntest tal-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad li effettivament, f'dan il-kaz mhux biss, kif diga` gie rimarkat, id-decizjoni tal-partijiet illi jizzewgu ttiehdet b'mod mghaggel u sempliciment in konsegwenza tax-xewqa tal-partijiet illi l-konvenuta tkun tista' tahdem u tghix Malta, talli l-agir tal-partijiet wara z-zwieg, ma jhalli l-ebda dubju dwar l-eskluzjoni taghhom ta' diversi elementi essenzjali fil-hajja mizzewga, izda senjatament tal-komunjoni tal-hajja. Wara z-zwieg jirrizulta illi l-partijiet ftit li xejn ghexu ta' mizzewgin. Kif gja` muri t-tqala' tal-konvenuta giet injorata kompletament mill-attur u mill-familjari tieghu. Sussegwentement, meta l-konvenuta sabet impieg Malta, hija bdiet tberbaq il-flus, u immedjatament inqala' disgwid u glied serju fil-koppja, illi wassal ghall-firda taghhom biss sena wara illi huma zzewgu. Il-fatt illi s-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet giet konkluza biss fi zmien gimghatejn minn meta l-konvenuta rritornat minn btala barra minn Malta u telqet mid-dar matrimonjali, ukoll jikkonferma kemm affettivament, ma kienx hemm komunjoni ta' hajja bejn il-partijiet. Il-fatt illi l-konvenuta baqghet tghix Malta wara s-separazzjoni, kif ga` rilevat, jikkonferma dik illi kienet l-intenzjoni ahharija taghha fiz-zwieg, u jikkostitwixxi prova ta' l-eskluzjoni implicita taghha tal-hajja mizzewwga.

Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustafa Mustefa Al Muhamed"** (Cit. Nru. 3046/96/NA) deciza minn din l- Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Lulju 1999 u dan ghaliex il-fatt f'dak il-kaz kienu kwazi dentici ghal dawk odjerni. Fil-fatt, l-Qorti hawnhekk ticcita whud mill-kunsiderazzjonijiet illi wasslu ghall-gudizzju ta' dik il-Qorti fl-istess kawza, li huma identici ghal dawk tal-kaz odjern: -

"*Il-partijiet izzewgu wara li kienu lilhom jafu u jiffrekwentaw lil xulxin ghal zmien qasir hafna; il-partijiet ma kellhom ebda preparazzjoni serja ghaz-zwieg… il-konvenut ma kellux permess biex ighix Malta qabel izzewweg lill-attrici u, ghalkemm huwa jichad l-asserzjoni ta' l-attrici illi kienet din ir-raguni vera ghaliex huwa zzewwigha, certament illi din l-ipotezi ma tistax tigi facilment skartata; iz-zmien qasir li fih il-partijiet ghexu flimkien qabel ma sseparaw kien mimli problemi u f'dan il-perijodu ftit li xejn jidher li l-partijiet ghexu flimkien ta' ragel u mara mizzewga kif jigri f'familji normali, u dan l-istat ta' fatt kien rizultat dirett tan-nuqqas ta' thejjija serja ghaz-zwieg. Ghalhekk, jekk wiehed ikollu jibded il-bilanc finali, il-konkluzjoni li wiehed necessarjament jasal ghaliha hi li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'certa laxkezza, spensjeratezza w irresponsabilita` li juru bic-car illi dan iz-zwieg ma kienx zwieg ta' veru, zwieg reali, izda zwieg mahsub minn kull parti biex iservi l-konvenjenza tieghu jew taghha…*".

Illi *in vista* tal-fatti u provi prodotti fil-proceduri odjerni, il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenuta eskludiet element essenzjali tal-hajja matrimonjali u cioe` l-*communio vitae*, u ghalhekk il-kunsens taghha kien simulat b'mod illi jgib mieghu n-nullita` taz-zwieg *de quo*. Effettivament, pero`, anke' da parti ta' l-attur, jirrizulta ampjament, anke' mix-xhieda ta' l-attur stess (kif ga` rilevat antecedentement), illi d-decizjoni taz-zwieg kienet motivata minn fatturi estranei ghall-*communio vitae* u ghalkemm fil-kaz ta' l-attur jidher illi seta' kien hemm affezzjoni jew talanqas infatwazzjoni aktar genwina minn dik tal-konvenuta, il-Qorti tikkonkludi illi anke' l-kunsens tieghu kien simulat.

Illi ghaldaqstant jirrizulta soddisfacentement ppruvat illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Marzu 1999, kien null u bla ebda effett fil-Ligi *stante* illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva ta' element essenzjali tal-hajja mizzewga u cioe` l-*communio vitae ai termini* ta' l-**artikolu 19(1) (f)** tal-**Kapitolu 255** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti billi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Marzu 1999 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi. Fic-cirkostanzi jidher illi jkun gust illi l-ispejjez ta’ dina l-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Marzu 1999 kif fuq jinghad huwa null u minghajr effet fil-ligi u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewgt partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------